MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 649/2012

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Wesley Baretta Vassallo (K.I. 0032303L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet hlas tal-ammont ta' elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u hamsa u sittin centezmu tal-ewro (€1,683.65) dovut mill-konvenut lis-socjeta attrici ghal servizzi rezi u prodotti provduti mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenut fuq il-kontijiet bin-numri 1.10971609 u 1.10959364 skont ftehimijiet bil-miktub iffirmati bejn il-kontendenti, vide r-rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. VF1 u Dok VF2; illi l-konvenut minkejja li gie debitament interpellat ghal hlas baqa' inadempjenti; bl-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1952/2012 u tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta bin-numru 1586/2012

prezentati fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) precedentement, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 ta' Gunju, 2013 mill-Avukat Andre' Portelli u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' elf sitt mija tlieta u tmenin ewro u hamsa u sittin centezmu tal-ewro (€1,683.65) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1952/2012 u tal-ittra ufficjali numru 1586/2012.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------